Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 47/2021: **DELOITTE SERVICES LIMITED (C51320)** V. **RISAVA LIMITED (C86359)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Deloitte Services Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fis-26 ta' Frar 2021,

wara li rat li Risava Limited ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") ġiet notifikata bir-rikors promotur fis-7 ta' April 2021[1],

wara li rat illi l-kumpanija intimata baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u naqset milli tidher għas-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021,

wara li rat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata ippreżentat mill-kumpanija rikorrenti fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021[2],

wara li rat illi l-kumpanija intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021,

wara li semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti u wara li rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kawża inkluż in-nota ppreżentata fit-28 ta' Ġunju 2021,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti qed titlob mill-intimata il-ħlas tas-somma komplessiva ta' ħamest elef, erba' mija u ħamsa u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€5,475.20), rappreżentanti

[1] Fol 12 wara
[2] Fol 17

l-prezz ta' servizzi reżi lilha minnha fuq ordni tagħha stess u li baqa' ma' tħallasx u dan kif jidher minn tlett fatturi annessi mar-rikors promotur u mmarkati bħala Dok. A, Dok. B u Dok. C. Intalab ukoll l-imgħax skond l-Artikolu 26Ċ tal-Kodiċi tal-Kummerċ u l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata t-23 ta' Ottubru 2020 (annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala Dok. D) u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mar-rikors. Finalment il-kumpanija intimata ġiet inġunta in subizzjoni.

2. Il-kumpanija intimata, notifikata skond il-liġi, baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u naqset milli tidher għas-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021.

3. Kien għalhekk f' tali seduta ir-rikorrenti ġiet awtorizzata mill-Qorti sabiex tippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill- intimata '*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad *inter alia* tħalliet għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata għat-28 ta'Ġunju 2021.

4. Il-kumpanija intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 u dan sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-kumpanija intimata f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

   *'Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'*

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

   *'Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'*

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

   *'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'*

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

*'699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*

*(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'*

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

*'Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'*

10. It-talba għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur tagħha kif ukoll seduta stante matul is-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

*'il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'*

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 sabiex *inter alia* il-kumpanija intimata twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

13. Meta fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 il-kumpanija intimata naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

"*din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

**Provi**

15. Fl-14 ta' Ġunju 2021 ir-rappreżentant tar- rikorrenti **Dr. Conrad Cassar Torregiani** filwaqt li spjega r-relazzjoni professjonali li kien hemm bejn il-partijiet u elenka s-servizzi li ġew reżi lill-kumpanija intimata kkonferma li l-ammont mitlub kien għadu dovut *in toto.*

**Kunsiderazzjonijiet**

16. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

"*... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*".

17. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

*"ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti".*

18. Mill-assjem tal-provi mressqa il-Qorti hija sodisfatta li l-kumpanija intimata hija debitriċi ta' dik rikorrenti fl-ammont totali ċert, likwidu u dovut ta' tnax-il elf tlett mija tnejn u għoxrin euro (€ 12,322). L-unika dubbju li kellha l-Qorti kien jekk il-kumpanija rikorrenti kelliex tiċċarġja t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-*Office Costs* elenkati fil-fatturi mmarkati bħala Dok A, B u Ċ annessi mar-rikors promotur. F'dan ir-rigward l-Artikolu 2 tas-Seba' Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi:

*'2. Il-valur taxxabbli ta' provvista għandu jinkludi, sakemm dawn ma jkunux inklużi fil-valur stabbilit skont il-partita 1 ...*

*(b) spejjeż inċidentali, bħal kummissjonijiet, spejjeż ta' pakkjar, spejjeż ta'trasport u assigurazzjoni mitluba minn min jagħmel il-provvista lix-xerrej jew kompratur ukoll jekk ikunu koperti b'xi ftehim separat jew b'dokument separat.'*

Kif ġie argumentat mill-avukat tar-rikorrenti fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021, l-ispejjeż fir-rigward ta' *printing and stationery, telephones, faxes & couriers* u *Registry of Company online facilities* huma ispejjeż inċidentali li setgħu liberament ġew *recharged* mill-kumpanija rikorrenti bil-VAT impost fuqhom, kif effettivament ġara. Il-Qorti tara li għalkemm il-*Letter of Engagement* esebita fin-nota tat-28 ta' Ġunju 2021 tixħet dawl fuq dawn l-ispejjeż u tikkonferma xi ftit jew wisq dak li sostna l-abbli avukat, fl-istess ħin tqis li hemm argument qawwi kontra li l-ispejjeż inkorsi fir-rigward tar-Reġistratur tal-Kumpaniji għandhom jitqiesu bħala "spejjeż inċidentali" li fuqhom jista' jiġi impost il-VAT. Dawn l-ispejjeż ġew inkorsi mir-rikorrenti *"f'isem u akkont tal-persuna li lilha ssir il-provvista"*[3] u teknikament għandhom jitqiesu bħala *disbursements*. Fin-nuqqas ta' provi però illi dawn effettivament kienu *disbursements* skond kif provdut fl-Artikolu 3(d) tas-Seba' Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) u fid-dawl tal-ammont negliġibbli in kwistjoni l-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti *in toto*.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u**

1. **Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħamest elef, erba' mija u ħamsa u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€5,475.20), rappreżentanti l-prezz ta' servizzi reżi lilha minnha fuq ordni tagħha stess u li baqa' ma' tħallasx,**
2. **Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet kif mitluba,**
3. **Fir-rigward tal-ispejjeż mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimata**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

[3] Vide l-Artikolu 3(d) tas-Seba' Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)